# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 30 ta’ Ġunju, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 101/19/1 AF**

**Briegel Micallef**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim’Awla tas-17 ta’ Frar, 2021 li biha ċaħdet it-talba sabiex tiddikjara li inkiser il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq skont l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minħabba li hu u xhud ma kellhomx assistenza ta’ avukat waqt arrest u interrogazzjoni.

2. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ kienet stqarrija li ta l-attur lill-pulizija fis-6 ta' Ġunju, 2006 u stqarrija oħra li ngħatat minn ċertu Nicholas Abela Ayling. L-attur kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bil-bejgħ tal-pjanta *cannabis*, pussess illegali tal-istess pjanta, u li r-reati twettqu ħdejn skola, klabb jew post ieħor fejn ikun hemm iż-żagħżagħ. Waqt il-kawża Kriminali xehed l-attur u wkoll Nicholas Abela Ayling. B'sentenza tal-4 ta' Frar, 2015 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-attur ħati tal-akkużi u kkundannatu għal erba' snin u nofs priġunerija u multa ta' ħamest elef euro (€5000). L-attur appella mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Appell li s'issa għadu pendenti. Fid-19 ta' Ġunju, 2019 l-attur ippreżenta din il-kawża. L-ilment tal-attur hu li dawk l-istqarrijiet ittieħdu mingħajr l-assistenza ta' avukat, fi żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tippermetti l-possibilta' lil suspettat li jkun assistit minn avukat u għalhekk bi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Inoltre, argumenta li l-istqarrijiet u xhieda li ta wara Nicholas Abela Ayling għandhom jiġu sfilzati.

3. Fir-rikors promotur l-attur talab sabiex l-ewwel Qorti:

> *"1. Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi, l-esponenti u x-xhud prinċipali fil-proċeduri kriminali kontrih ma kellhomx l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tagħhom, ġew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *2. Tagħti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi".*

4. B'sentenza tas-17 ta' Frar, 2021 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih. Wara li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza lokali u dik tal-QEDB, tat din il-motivazzjoni:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex l-istqarrija ttieħdet mingħajr ma huwa kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottometti l-Avukat tal-Istat, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.*

*Il-Qorti tqis illi bl-ebda mod ma ġie muri li ġie leż jew x'aktarx ser jiġi leż d-dritt fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt illi ma setax ikun assistit minn avukat meta ttieħditlu l-istqarrija. Ir-rikorrent naqas milli juri li dik l-istqarrija kkompromettiet serjament id-difiża u l-qagħda tiegħu matul il-proċeduri kriminali.*

*Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat naqas milli juri li kien hemm raġunijiet tajbin sabiex iżommu lir-rikorrent milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li ttieħditlu l-istqarrija, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kinetx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Ir-rikorrent naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Huwa minnu li kellu biss 21 sena u li din kienet l-ewwel darba li r-rikorrent xellef difrejh mal-ġustizzja, imma ma tirriżultax xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Tant ir-rikorrent kien qiegħed jifhem l-import tas-sitwazzjoni li kien fiha meta rrilaxxja l-istqarrija, li huwa rrifjuta li jixkef il-fornitur li kien provdielu d-droga. Dawn il-fatturi kollha ġew meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati meta kienet qiegħda tiddeċiedi l-kawża tar-rikorrent.*

*Mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li l-pulizija kellhom evidenza biżżejjed kontra r-rikorrent. Din l-evidenza ġiet evalwata minn Maġistrat u in kwantu li r-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, ser terġa tiġi evalwata minn Imħallef, u għalhekk, minn persuni b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Din il-Qorti qiegħda tqis ukoll li jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li r-rikorrent, meta xehed viva voce quddiem dik il-Qorti, skarta kompletament dik il-verżjoni li kien ta lill-Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu b'dan illi xorta waħda ammetta li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Abela Ayling kien tahielu hu. Il-Qorti fil-fatt osservat li 'viva voce xorta jammetti – jekk wieħed jagħżel illi jemmen din it-tieni verżjoni, illi huwa attwalment mar jiġbor id-droga għal Abela Ayling, dan dejjem fil-kuntest ta' kif il-Liġi tagħna tiddefinixxi t-traffikar.'*

*Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:*

> *"Bla dubju ta' xejn l-azzjoni tal-imputat, anke kieku biss kellha temmnu – illi huwa mar jagħmel pjaċir lil sieħbu Abela Ayling għax ġie hekk mitlub minnu, tinkwadra f'din id-definizzjoni. Illi verament tiġbor droga għal ħaddieħor mhi xejn ħlief forma oħra ta' distribuzzjoni tagħha, la fil-fatt taha lil ħaddieħor. Għalhekk l-azzjoni u l-verżjoni mressqa mill-imputat bħala difiża xorta taqa' taħt id-definizzjoni ta' traffikar hemm ċitata."*

*Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għalfejn tistrieh fuq l-istqarrija li kien irrilaxxja r-rikorrent sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-ħtija tar-rikorrent, għaliex meta xehed viva voce, ir-rikorrent ma ċaħadx illi kien hu li ta d-droga lil Abela Ayling, anzi ammetta li hekk ġara. Huwa indubbjament fl-interess pubbliku li r-rikorrent jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali in konnessjoni ma traffikar u pussess ta' droga.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bil-fatt biss illi meta huwa ġie interrogat u ttieħditlu l-istqarrija il-liġi ma kinetx tippermetti li jkun mgħejjun minn avukat.*

*Ir-rikorrent jallega wkoll li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq peress illi anke l-imsemmi Mark Abela Ayling kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija mingħajr ma seta' jkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħu.*

*L-argument tar-rikorrent m'għandux mis-sewwa. Ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq minħabba stqarrija li tkun ġiet irrilaxxjata lill-Pulizija jista' jsir biss minn dik il-persuna li tkun għamlet dik l-istqarrija u ħadd aktar.*

*Mhux hekk biss imma r-rikorrent m'għandux raġun jilmenta li huwa ser jiġi preġudikat għaliex fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu saret użu minn din l-istqarrija.*

*Skont l-artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għall-ebda persuna oħra. Il-fatt li Abela Ayling għamel stqarrija mal-Pulizija mingħajr assistenza ta' avukat ma jista' jkun tal-ebda dannu għar-rikorrent.*

*Huwa minnu li skont l-artikolu 30A tal-Kap. 101, dikjarazzjonijiet ta' terzi jistgħu jinġiebu bħala prova kontra persuna mixlija b'reat li għandu x'jaqsam mad-droga, imma l-istess artikolu jkompli billi jgħid li dik id-dikarazzjoni jkollha valur probatorju biss jekk tiġi kkonfermata bil-ġurament. Jiġifieri l-istqarrija waħeda, jekk mhux maħlufa, ma tistax tkun ta' preġudizzju għar-rikorrent.*

*F'każ illi r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li din l-istqarrija ta' Nicholas Abela Ayling ġiet ikkonfermata bil-ġurament, jgħodd dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Renald Baldacchino, tas-6 ta' Frar 2015:*

> *"Il-fatt illi l-istqarrija tiġi mwettqa bil-ġurament quddiem maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju imparzjali u indipendenti, hija garanzija biżżejjed ta' kontroll u legalità, u, kontra dak li jgħid l-imputat, il-fatt illi għandu dritt ampju ta' kontro-eżami jagħtih ukoll equality of arms mal-prosekuzzjoni."'*

5. B'rikors preżentat fid-9 ta' Marzu, 2021 l-attur appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Appell li kważi hu *cut and paste* tan-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur ippreżenta fl-ewwel Qorti. Fil-15 ta' Marzu, 2021 l-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba.

6. L-aggravji tal-attur huma li ma kienx assistit minn avukat waqt li kien qiegħed jagħmel l-istqarrija u l-istess ġara fil-każ tax-xhud prinċipali Nicholas Abela Ayling. L-attur jinsisti li dan wassal għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u l-aħjar rimedju hu li jitpoġġa fil-pożizzjoni oriġinali li kien fiha qabel inkiser il-jedd fundamentali tiegħu.

7. Fl-ewwel lok din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-użu f'proċeduri Kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, dak il-fatt waħdu ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari

tiegħu. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu (ara wkoll sentenzi li semmiet l-ewwel Qorti fosthom ***Farrugia v. Malta*** (63041/13) tal-QEDB tal-4 ta' Ġunju, 2019). Din hi l-pożizzjoni l-iktar riċenti li ħadet dik il-Qorti (ara wkoll per eżempju sentenza ***Beuze v. Belgium*** (71409/10) tad-9 ta' Novembru, 2018). Mhux l-istess jingħad dwar is-sentenza ***A.T. vs. Luxembourg*** (30460/13) tal-14 ta' Settembru, 2015 li rrefera għaliha d-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni.

8. F'dan il-każ m'hemmx dubju li fl-istqarrija li l-attur ta lill-pulizija fis-6 ta' Ġunju, 2006, qal fatti li jinkriminawh. Hekk per eżempju li:

i. Kellu d-droga *cannabis* fil-pussess tiegħu li kien xtara mingħand persuna għall-prezz ta' €280;

ii. Kien xtara d-droga sabiex ibiegħha u fil-fatt biegħ id-droga lil Nicholas Abela Ayling għall-istess prezz li kien xtraha għaliex kien ħabib tiegħu;

iii. Kien hemm tliet okkażjonijiet meta xtara d-droga;

iv. Id-droga kien iżommha fil-garaxx;

v. Id-droga li kienet instabet għand Ayling kien ġabha hu u ħbiha fil-garaxx.

9. Diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda għad hemm appell pendenti. Minn dik is-sentenza hu evidenti li s-sejbien ta' ħtija kien ibbażat fuq provi oħrajn fosthom id-depożizzjoni tal-attur quddiem dik il-Qorti u wkoll ix-xhud Ayling. Hemm ukoll xhieda ta' uffiċjali tal-pulizija dwar għassa li għamlu quddiem id-dar tal-attur u x'sabu fir-residenza u fil-pussess ta' Ayling. Saħansitra, fis-sentenza l-Qorti kkunsidrat ukoll id-difiża li ressaq l-attur li l-każ kien jitratta dwar *entrapment* maħsub mill-pulizija b'kollużjoni tax-xhud Ayling. Difiża li fuqha ressaq aggravju wkoll fir-rikors tal-appell. Dan apparti li mill-istqarrija stess jirriżulta li l-attur kien ingħata t-twissija li għandu jedd li ma jitkellimx u li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova.

10. Dan ma kienx każ fejn id-deċiżjoni ta' kundanna fl-ewwel stadju kienet determinata fuq l-istqarrija li l-akkużat ta lill-pulizija mhux fil-preżenza ta' avukat, fi stadju ta' investigazzjoni. Lanqas mhu każ fejn hemm prova li l-istqarrija inġabret b'mod illegali u kontra r-rieda tal-attur.

11. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-kawża Kriminali wara li semgħet il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-

kawża fil-meritu. Dan lanqas mhu każ fejn il-meritu tal-kawża Kriminali ser jiġi determinat minn ġurati. F'dan il-każ hemm sentenza ta' Qorti u fiha hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lill-attur ħati. Każ fejn l-attur u x-xhud Ayling, ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, xehedu *viva voce* quddiem dik il-Qorti għal iktar minn darba. Għalhekk il-Qorti kienet f'pożizzjoni sabiex tqis liema verżjoni li ngħatat quddiemha kienet l-iktar kredibbli, irrispettivament ta' x'setgħu qalu lill-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni. Dan wara li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant ingħata kull opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni.

12. Rilevanti wkoll hu li l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza kkunsidrat jekk l-istqarrija kinitx ittieħdet bi pressjoni jew theddid. Eżerċizzju li faċilment jista' jerġa' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

13. Hu minnu li din l-istess Qorti f'sentenzi oħrajn qalet li jkun floku li stqarrija li jkun ta imputat titneħħa mill-proċess tal-proċeduri Kriminali sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm periklu li eventwalment isiru proċeduri Kostituzzjonali li jistgħu jwasslu biex jiġi annullat proċess sħiħ. Madankollu, filwaqt li hemm ukoll sentenzi fejn din il-Qorti għamlet sempliċement rakkomandazzjoni, wieħed irid jiftakar li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. F'dan il-każ partikolari diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura

Kriminali u li fiha sar apprezzament tal-provi kollha li tressqu quddiem dik il-Qorti fil-kors tal-proċess kollu. Ċirkostanza li ma kinitx teżisti f'każijiet oħra li ddeċidiet dwarhom din il-Qorti. Ovvjament dak l-apprezzament ser jiġi mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

14. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami l-Qorti m'għandhiex dubju li bil-fatt li l-istqarrija tal-attur tibqa' fl-atti, mhijiex ser taffetwa l-*overall fairness* tal-proċeduri Kriminali li llum hemm pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif rajna dik l-istqarrija mhijiex l-unika prova kontra l-attur, apparti l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tqis ukoll għandhiex mis-sewwa l-verżjoni li ta l-attur meta xehed u spjega li kien mar għad-droga sabiex jagħmel pjaċir lil Ayling.

15. Għal dak li jirrigwarda l-istqarrija li Ayling ta lill-pulizija, ma jirriżultax li kien persuna vulnerabbli jew li ġie mġiegħel jagħti l-istqarrija kontra r-rieda tiegħu jew billi ġie mwiegħed xi favur. Dan apparti li kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, skont Art. 661 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *"Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra"*.

16. Inoltre, Ayling xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn allura l-attur kellu kull opportunita` li jagħmillu kontro-eżami u jiskredita lix-xhud. Fil-fatt dak il-kontro-eżami sar. Saħansitra meta Ayling xehed fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

il-prosekuzzjoni kienet ser taqralu l-istqarrija li kien ta' x-xhud. Il-Qorti ma ppermettitx li tinqara l-istqarrija u ordnat li jsiru domandi lix-xhud. Hekk sar u x-xhud wieġeb għad-domandi.

17. Fir-rikors tal-appell l-attur għamel referenza għas-sentenza ***Camilleri v. Malta*** (51760/99) tas-16 ta' Marzu, 2000 fejn il-QEDB ikkonfermat li paragrafi 3(d) u 1 tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni jitolbu li *".... the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings"*. L-attur altru milli kellu dik l-opportunita` quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

18. Inoltre, għamlet sew l-ewwel Qorti li straħet fuq l-insenjament fis-sentenza ***Stephens v. Malta*** (35989/14) tal-14 ta' Jannar, 2020 li wkoll kien jitratta dwar stqarrija li tat terza persuna u li tressqet bħala prova, fejn intqal:

> *"72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Bozv. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.*

*73. It follows from the above that, while there is no doubt that G.R.E.'s initial statements were made in the absence of a lawyer, it cannot be said that such circumstances automatically led to G.R.E having had an unfair trial. Indeed the domestic court found that it did not, and the Court is not called upon to re-examine the domestic court's findings in that case. Further, the Court notes that those statements were not taken in breach of domestic law, since at the time such circumstances were lawful. Therefore, the situation pertaining to the present case is one concerning solely the domestic courts' use, in the applicant's case, of statements made by a third party without the assistance of a lawyer. Thus, the Court is called on to assess whether the use in criminal proceedings of evidence obtained from third parties, in such circumstances, rendered the proceedings of another individual (in the present case the applicant) unfair.*

*74. Having already held in the preceding paragraph that the evidence obtained was not unlawful nor in breach of any Convention provision, in determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must be had to other factors (see paragraph 65 above).*

*75. As to whether the rights of defence were respected, the Court notes that the applicant had all the opportunity to challenge G.R.E.'s statements in adversarial proceedings (see, mutatis mutandis, Khan, cited above, § 35), and he did cross-examine the witness in front of the jurors. Further, he did not object to the distribution to the jurors of the statements by G.R.E.*

*76. As to the quality of that evidence, as noted above, it has not been shown that G.R.E. had been pressured into giving his statement, therefore it has not been established that he had not given his statements "freely"(compare, Perliński, cited above, § 38 and Huseyn and Others v. Azerbaijan, nos. 35485/05 and 3 others, § 210, 26 July 2011). On the contrary, the Court notes that the statement given by G.R.E. to the police on 12 August 2003 corresponded to the statement given before the magistrate the day after, on 13 August 2003. Such circumstances lend some credence to their reliability or accuracy, despite the fact that such statements were later retracted. It is true that the notion of a fair and adversarial trial presupposes that, in principle, a tribunal should attach more weight to a witness's testimony given at the trial hearing than to a record of his or her pre-trial questioning produced by the prosecution, unless there are good reasons to find otherwise (ibid. § 211). When dealing with complaints concerning this issue, although it is not the Court's task to verify whether the domestic courts made any substantive errors in that assessment, it is nevertheless required to review whether the courts gave reasons for their decisions in respect of any objections concerning the evidence produced (ibid.). However, the Convention does not require jurors to give reasons for their decisions (see Moreira Ferreira v. Portugal (no. 2) [GC], no. 19867/12, § 84, 11 July 2017) and, in so*

*far as relevant in the present case, as noted in the preceding paragraph the applicant's objections, if any, were limited.*

*77. Additionally, the statements made by G.R.E. before the trial, to which the jury decided to give a greater evidential value as opposed to his later statements, were supported by other material in favour of the applicant's conviction. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal also relied on the testimony of V.S. given during the proceedings and that of the applicant himself. It also explained in detail how the testimony of each witness corroborated that of the other (see paragraphs 26-27 above). The Court reiterates that a higher degree of scrutiny should be applied to assessment of statements by co-defendants, because the position in which co-defendants find themselves when testifying is different from that of ordinary witnesses (see Pichugin v. Russia, no. 38623/03, § 199, 23 October 2012). The same can be said to apply to accomplices tried in different proceedings. Thus, while it is true that the testimony of G.R.E. and V.S. as accomplices had to be approached with caution, the Constitutional Court considered that the trial judge had explained the law to the jurors and he had stated in clear terms that the prosecution's request to find guilt on the basis of G.R.E.'s sworn statement was legally correct whilst factually it depended on whether the jurors accepted that statement as the truth. In the Constitutional Court's view the judge had been careful not to influence the jurors, and, the Court of Criminal Appeal had already rejected the applicant's grievance (see paragraph 46 above). As to V.S., the Court notes that the applicant had not taken issue with that testimony neither during the criminal proceedings nor during the constitutional redress proceedings, and there is nothing in the case-file which could lead the Court to consider that the testimony given by V.S. – the crux of which referred to the identification of the applicant as Mark Stephens – had not been considered with caution".*

19. Minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hu wkoll evidenti li fis-sejbien ta' ħtija ma straħitx fuq l-istqarrija li Ayling ta lill-pulizija. Dan apparti li m'hemm l-ebda prova li x-xhud ta l-istqarrija b'riżultat ta' pressjoni u kontra r-rieda tiegħu.

20. Għalkemm l-attur argumenta li wkoll ix-xhieda li ta Arling quddiem l-ewwel Qorti għandha titneħħa mill-proċess tal-proċeduri Kriminali, ma

ngħatat l-ebda raġuni li tista' tikkonvinċi lil din il-Qorti li r-raġunament tal-ewwel Qorti hu żbaljat.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-appell ***Il-Pulizija v. Briegel Micallef*** li għad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jitkompla s-smigħ tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da